**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2016

Rikors Nru : 98/16 AL

**ab**
**Vs**
**cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) (ara c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok A') u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal;

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Clinton Bellizzi sa mill-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok. B');

Illi bhala stat ta' fatt il-partijiet ilhom separati de facto iktar minn erba' snin u fil-fatt ilhom ukoll ma jghixu flimkien ghal iktar minn erba' snin;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-esponenti obbliga ruhu illi jhallas is-somma ta' €350 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri li jinkludu l-ispejjez relatati mas-sahha u edukazzjoni u dan ai termini tal-Artikolu (g) tal-imsemmi att ta' separazzjoni. F'dan ir-rigward l-esponenti jiddikjara li m'ghandux arretrati ta' manteniment x'jaghti lill-intimata u dejjem hallas il-manteniment miftiehem fil-hin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar, 2016;

Semghet lir-rikorrenti prezenti fl-awla jikkonferma il-kontenut tar-rikors tieghu bil-gurament tieghu;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li ma topponix ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Marzu, 2015 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.